**TARXIEN**

# KUNSILL LOKALI TARXIEN

## Minuti Laqgħa Nru. 17/06

* **Il- laqgħa Nru 17/06 tas-Sitt Amministrazzjoni** Data u hin
**saret nhar**
**it-Tlieta 25 ta' Mejju 2010 fis-6.10pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi**
**f'73, Triq Santa Marija, Tarxien.**

** **Preżenti għal-Laqgħa:**

| | |
|---|---|
| **Kav. P. Farrugia KLJ CMLJ** | **Sindku** |
| **Is-Sur F. Agius** | **Viċi Sindku** |
| **Is-Sinj. D. Vella** | **Kunsilliera** |
| **Is-Sur K. Darmanin** | **Kunsillier** |
| **Is-Sinj. C. Lanzon** | **Kunsilliera** |
| **Is-Sur M. L. Mallia** | **Segr. Eżekuttiv** |

**Is-Sur I. Dalli kien skużat**

**Is- Sur L. Bonavia kien skużat**

*** **Is-Sindku, l-Kav. P. Farrugia qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

## 1.0 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 14/06

**1.1** Peress li l-Minuti tal-Laqgħa Numru 14/06 tat-28/04/10 ġew iċċirkolati minn qabel, is-Sindku staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab lill-Kunsill jekk kienux korretti.

**1.2** Il-Kunsill approva l-Minuti nem. con. li ġew iffirmati mis-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Il-paġni kollha tal-Minuti ġew inizjalati wkoll minnhom.

## 2.0 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 15/06

**2.1** Peress li l-minuti tal-laqgħa Numru 15/06 tat-20/04/2010 ġew iċċirkolati minn qabel, is-Sindku staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab lill-Kunsill jekk kienux korretti.

**2.2** Il-Kunsill approva l-Minuti nem. con. li ġew iffirmati mis-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Il-paġni kollha tal-Minuti ġew inizjalati wkoll minnhom.

## 3.0 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 16/06

**3.1** Peress li l-Minuti tal-Laqgħa Numru 16/06 tas-7/05/10 ġew iċċirkolati minn qabel, is-Sindku staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab lill-Kunsill jekk kienux korretti.

**3.2** Il-Viċi Sindku is-Sur F. Aguis, ressaq riżoluzzjoni biex isiru korrezzjonijiet skont kif mehmuża ma' dawn il-minuti. (App. 1) — Korrezjoni

**3.3** Ir-riżoluzzjoni tal-Viċi Sindku ġiet sekondata mill-Kunsillier is-Sur K. Darmanin u approvata unanimament mill-Kunsilliera b'5 voti favur, xejn kontra, xejn astensjonijiet.

**3.4** Wara, l-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill, is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti; il-paġni kollha ġew inizjalati ukoll minnhom.

**3.5** Waqt li kien qed jiffirma l-minuti, u s-Segretarju Eżekkuttiv qal li qed jiffirma skont id-deċizzjoni tal-Kunsill imma qed jagħti avviż li ser jitlob lid-DGL biex jinvestiga dan il-każ kollu. — Avviż għall-investigazzjoni

### 4.0 Kommunikazzjoni mis-Sindku

**4.1** Dwar ix-xogħol ta' *Major Patching*, is-Sindku qal li reġa' talab għal darb'oħra lill-kuntrattur biex jagħmel ix-xogħol ordnat mill-aktar fis. — Major Patching

**4.2** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-kuntrattur tal-latrina intbgħatitilha *'Default Notice'* għaliex naqset minn xi doveri tagħha: l-attendenza tagħha kienet nieqsa diversi drabi, toilets maħmuġa, bins mhux imbattla, *dispensers* tas-sapun vojta, u xi mekkaniżmu tal-*flushing* nieqes. — Latrina Pubblika

4.2.1 Is-Sinj. D. Vella irrimarkat li l-attendenza għandha tkun il-ħin kollu.

4.2.2 Is-Sindku wieġeb li l-kuntrattur hu responsabbli u jrid jagħmel tajjeb għan-nuqqasijiet bħalma kellu jsewwi l-*flushing*.

**4.3** Is-Sindku qal li l-kuntrattur il-ġdid tal-ġonna, ELC bdew ix-xogħol skont il-kuntratt immedjatament. Kompla jgħid li x-xogħol hu tajjeb u d-differenza tidher sew. Kuntratt tal-Ġonna

**4.4** Is-Sindku qal li flimkien miegħu, GreenPak, ltaqgħu mad-diretturi tal-Kastell Wine Bar. GreenPak

4.4.1 Qal ukoll li kellu jiltaqa' mas-Surmast tal-iskola.

4.4.1.1 Il-Viċi Sindku innota li dalwaqt tispiċċa l-iskola u żmien biżżejjed ma baqax għall-iskop ippjanat, inkella nħallu kollox għal Settembru meta terġa' tibda l-iskola.

**4.5** Is-Sindku qal li x-xogħol fuq il-proġett ta' tisbiħ ta' Sqaq Brittaniku 1 hu ppjanat li jibda jumejn fuq il-festa. Dan ġie diskuss f'laqgħa mal-Perit u l-Kuntrattur M.Quip. Sqaq Brittaniku 1

4.5.1 Is-Sindku kompla jgħid li bejn il-BoQ fit-tender tal-kuntrattur u l-istima oriġinali tal-perit hemm diskrepanza. Għaldaqstant meta applikajna għall-fondi UIF il-perit ibbaża l-applikazzjoni fuq l-istima tiegħu u allura l-fondi mhux ser ikunu biżżejjed.

4.5.2 Qal ukoll li dwar dan infurmajna l-Perit biex l-applikazzjoni jibbażaha fuq il-BoQ tal-Kuntrattur. S'issa għad ma tagħnix risposta.

4.5.3 Is-Sindku temm jgħid li dan ser jirrifletti meta ser tkun aġġudikata l-offerta tiegħu għall-kuntratt ġdid.

**4.6** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li r-rifużjoni tal-flus miżmuma bħala mandat ta' sekwestru issa tħallset kollha. Mandat

**4.7** Il-Kumplament tal-UIF li kellna nieħdu għall-aħħar fażi tal-proġett ta' Ġnien Ovindoli għad ma waslux. UIF

**4.8** F'dan il-waqt, is-Sindku qal li qed ikollna ħafna problemi minn gruppi ta' żgħażagħ f'kull ġnien fir-raħal. Qed isir ħafna vandaliżmu u ksur tal-paċi pubblika tar-residenti. Vandaliżmu fil-Ġonna

4.8.1 Qal ukoll li ġew grupp ta' madwar 15 –il mara f'dan l-uffiċju mingħajr appuntament biex jilmentaw dwar dawn l-abbużi u dwar li qed jaqbżulhom xi żgħażagħ fil-btieħi tagħhom b'mod partikolari mill-bandli ta' ħdejn il-*Ground*, meta qed jitilgħu mal-arbli tad-dawl jew minn fuq dahar xulxin. Każ minnhom daħlu wkoll il-pulizija.

4.8.2 Is-Sindku ippropona u l-Kunsill qabel nem. con. li nagħmlu ringiela ta' madwar 45 metru ta' *barbed-wire* fuq *brackets* biex tipproteġi lid-djar konċernati minn dħul fil-proprjeta' tagħhom. Dan ix-xogħol jiswa €950 u ser jitqabbad il-ħaddied M.Peplow biex jesegwixxi.

4.8.3 Is-Sindku żied jgħid li anke fi ġnien Ovindoli dawn il-gruppi għamlu ħerba. Resident ġie jilmenta dwar dan u ssuġerixxa sistema elettronika li tagħmel ħsejjes li ddejjaq biss lill-persuni ta' eta inqas minn 25 sena li jiffrekwentaw dawn il-postijiet f'limitu ta' 40 metru. Din is-sistema tiġi attivata b' *"remote control"*.

4.8.3.1 Is-Sindku qal li kull apparat jiswa £581 (liri sterlini) li tinġieb mill-Ingilterra

4.8.3.2 Il-Kunsill qabel nem. con. li nimpurtaw waħda u nippruvawha fi Ġnien Ovindoli.

**4.9** l-Aġġudikar tal-offerti ta' Ġbir ta' Skart goff u tal-Contract Manager ser isir f'laqgħa oħra li jmiss. — Aġġudikar tal-Offerti

**4.10** Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-aħħar 3 ħaddiema mill-ETC qed jagħmlu xogħol tajjeb. — Ħaddiema mill-ETC

**4.11** Dwar il-flus dovuti mill-WSC għal 'Reinstatement' tat-toroq, is-Sindku qal li rċevejna u approvajna l-lista ta' xogħlijiet li saru matul is-sena 2008. — WSC

4.11.1 Kompla jgħid li għad ma sarx pagament minħabba li għadu ma ntlaħaqx ftehim mal-Assoċ. Kunsilli Lokali għaliex il-WSC iridu li jagħlqu it-trinek permezz tal-Wet Mix u mhux bit-tarmac.

**4.12** Is-Sindku qal li s-sistema għal Wi-Fi fil-bandli ser tiġi nstallata fuq id-*dressing rooms* tal-grawnd minħabba li hemm il-post addattat li tilħaq ukoll il-bandli. Baqa' li jiġu tal- "Go" biex iwaħħlu l-*modem* għall-internet. — Wi-Fi

**4.13** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ħarġet sejħa għall-offerta pubblika għall-espressjoni ta' nteress għal Ċentru Lejl u Nhar għall-Anzjani. — Ċentru Lejl u Nhar għall-Anzjani

4.13.1 Ħarġet ukoll sejħa għall-offerta pubblika ta' "Stampar u Pubblikazzjoni tal-fuljett tal-Kunsill Lokali" kif ukoll għall "Pjan ta' Azzjoni għall-Enerġija sostenibli (SEAP)" — Fuljett u SEAP

4.13.2 Dawn is-sejħiet jagħlqu fis-16 ta' Lulju 2010 f'nofs in-nhar.

**4.14** L-Aġġudikar tal-offerti għaz-"Żamma u Manutenzjoni Tal-Ġonna" sar permezz tal-laqgħa straordinarja Nru. 16/06 tas-7 ta' Mejju 2010. — Aġġudikar tal-offerta

**4.15** Is-Sindku qal li għas-sejħa tal-Kunsill lill- għaqdiet biex jinnominaw persuna biex tkun fuq il Bord tal-Għażla għall-Premju "Ġieħ Ħal Tarxien" wieġbu biss dawn l-għaqdiet:
Legion of Mary (Irġiel); Tarxien Scout Group; Għaqda tan-Nar San Gabriel; Ċentru Laburista Tarxien; u Kumitat tal-Festa M.Annunzjata. — "Ġieħ Ħal Tarxien"

4.15.1 L-għeluq tad-data għas-sottomissjonijiet hi f'nofsinhar tal-Ġimgħa 4 t' Ġunju 2010. Din id-data tapplika wkoll għal sottomissjonijiet għan-nominazzjoni għall-premju "Ġieħ Ħal Tarxien".

**4.16** Is-Sindku qal li ta l-kunsens tal-Kunsill biex Radju Ħal Tarxien ixandar għal żmien il-festa. Dan fuq talba ta' l-Awtorita tax-Xandir. — Radju Ħal Tarxien

**4.17** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-kaxxa tal-ittra li kienet ħdejn il-banka tal-lottu fi triq Tarxien ġiet spostata u mpoġġija ħdejn il-*bus shelter* ta' ħdejn il-Berġa. Dan fuq talba tal-Maltapost wara talba mill-proprjetarji l-ġodda ta' Villa Aspinall li tinsab ħdejn l-imsemmija banka tal-lottu. Spustjar tal-Kaxxa tal-Ittri

**4.18** Is-Sindku qal li l-każ tat-tneħħija tal-lanterna minn Triq il-Pellikani issa ġie magħluq wara l-intervent tal-pulizija fuq talba tal-Kunsill. Godwin Spiteri ħallas is-somma ta' €263.14 għall-ħsara li kkaġuna. Lanterna fi Triq il-Pellikani

**4.19** Is-Sindku qal li rċevejna digriet mingħand il-President ta Malta dwar l-akkwist tad-Dar Tal-Kejka li kellu jkun b'xiri assolut ta' €568,833 Dar Tal-Kejka

4.19.1 Kompla jgħid li dan inkwetana ħafna u ktibna lill-Asst/Dir. Cleaven Vella sabiex jindaga mal-awtoritajiet konċernati dwar dan.

4.19.2 Is-Sur Vella infurmana, wara li ndaga mal-Estate Management Dept. li d-Dar tal-Kejka ser tibqa' f'idejn il-Kunsill Lokali għaliex b'dak id-digriet jiġi miftiehem li nbidel biss it-titlu tal-art u l-fondi għall-akkwist ar mill-Gvern Ċentrali.

## 5.0 Affarijiet Finanzjarji

**5.1** Il-Kunsill approva nem. con. l-iskeda ta' pagamenti dovuti għal servizzi u materjal li tammonta għal €5274.83 (App.2 ).

5.1.1 Dan wara l-mistoqsija tal-Kunsillier is-Sur K. Darmanin li nnota li l-isem tal-kuntrattur għaż-żamma u manutenzjoni tal-ġonna Carmelo Gauci mhux imniżżel fl-iskeda għal April.

5.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-fattura relattiva għad ma waslitx għandu.

**5.2** Il-Kunsill approva nem. con. rifużjoni ta' ħlas għall-użu tal-karozza tiegħu fuq xogħol tal-Kunsill lis-Segretarju Eżekuttiv l-ammont ta' €46.40

## 6.0 Rapport dwar il-Ħidma tal-Kunsill

### 6.1 Is-Sur F. Aguis – Viċi Sindku

Il-Viċi Sindku is-Sur. F. Aguis qal li għaddej bil-preparazzjoni għall-konbkors tal-artiġjanat għal Gieħ Ħal Tarxien.

### 6.2 Is-Sur K. Darmanin

Is-Sur K. Darmanin qal li ltaqa' mal-Ispettur Mercieca li wiegħdu li kull 3 ġimgħat ser jibgħat CID biex iduru l-4 ġonna: Joanne, Ovindoli, Kunsill Lokali 2000 u l-Bandli

**6.3 <u>Is- Sinj. D. Vella</u>**

Is-Sinj. D. Vella qalet li fl-10 ta' Ġunju ser tagħmel attivita' u oħra fid-19 ta' Ġunju għat-tfal li għaliha ser ikunu mistiedna tfal tal-Ursolini li ser iħallas għalihom il-Kunsill kif ukoll għat-trasport.
Tat ukoll rendikont tal-aħħar attivita'.

**6.4 <u>Is-Sinj. C. Lanzon</u>**

Is-Sinj. C. Lanzon qed taċċetta d-dekasteru li għaddielha is-Sindku u ser tibda taħdem billi tgħaqqad Sotto Kumitat responsabbli mill-"Affarijiet tal-Familja".

**6.5 <u>Is-Sindku Kav. P. Farrugia</u>**

Is-Sindku ta rendikont għal żewġ attivitajiet tas-Sotto Kumitat tal-anzjani tas-6 t'April u tat-18 ta' Mejju. Qal li ser jagħmel attivita' oħra fil-15 ta' Ġunju.

## 7.0 Għeluq tal-Laqgħa

**7.1** Il-Laqgħa ntemmet fis-7.30pm.

**7.2** Laqgħa oħra ser tkun fit-30/06/10.

| | |
|---|---|
| **M. L. Mallia** | **Kav. P. Farrugia** |
| **Seg. Eżek.** | **Sindku** |
| 28.05.10 | |